MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 624/2010

**Saint James (Capua) Hospital Limited (C14713)**

**vs**

**Jade Bonnici**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenuta tigi kundannata thallasha l-*quantum* ta' elf, erba' mija tmienja u erbghin Ewro (€1,448.00c) ghal servizzi medici u medicinali lilha provduti mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Settembru 2009 u dana skond *invoice* tad-29 ta' Settembru 2009 mibghuta lill-konvenuta. Bl-ispejjes u l-imghax.

**Ra** li fis-seduta tat-22 ta' Frar 2011 il-konvenuta dehret u tat ruhha notifikata bl-atti tal-kawza (*a fol* 24).

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

1. Li s-servizzi resi ma kienux necessarji.
2. Id-decizjoni li jsir l-intervent kienet fuq dijanjosi zbaljata u f'nuqqas fir-rigward tal-istharrig u proceduri medici biex tittiehed decizjoni nformata dwar l-intervent.
3. Dan in-nuqqas wassal ghal parir hazin dwar l-intervent b'riskji ghas-sahha tal-konvenuta u tat-tarbija taghha – b'riserva tad-dritt ta' azzjoni opportuna ghad-danni morali sofferti.

4. **Bla pregudizzju**, l-ispejjes huma responsabilta' tal-Middlesea Insurance plc u l-konvenuta tirriserva d-dritt li ssejjah lill-istess socjeta' assikuratrici fil-kawza.

II PROVI

1. Fl-udjenza tat-30 ta' Mejju 2011, in vista tat-talba tal-konvenuta li s-socjeta' attrici tipproduci kopja tal-*file* tal-istess konvenuta, Dr. P. Aquilina ghall-istess socjeta' talbet li din tinhall mir-rabta tas-segriet professjonali – liema talba giet milqugha mit-TRIBUNAL (*a fol* 31).

2. **<u>Albert Micallef</u>,** *senior administrative manager* tas-socjeta' attrici qal li hu jiehu hsieb il-*bookings* u *bed occupancy* u xoghol amministrattiv iehor fl-isptar. Dak mitlub mill-konvenuta hu dwar spejjes tal-isptar, tal-kirurgu u tal-anestetista (Dok AM *a fol* 35).

3. Qal li fid-19 ta' Settembru 2009 il-konvenuta marret fil-fergha ta' Haz-Zabbar b'ugigh fiz-zaqq u sarilha *ultrasound* tal-4D mill-ispecjalista Naged Megally u fir-rapport qal li kien hemm indikazzjonijiet ta' *ectopic pregnancy* i.e *ovum fertilization* fil-*fallopian tube* u mhux fl-ultru u f'kazijiet estremi dan jista jwassal ghall-mewt tal-omm. Giet minnu, bil-kunsens taghha riferita lill-ginekologu Alberto Vella. Ix-xhud hawn qal li ma jafx jekk f'dal-kaz inzammitx il-prassi li jinghata kopja tar-rapport imsemmi lill-pazjenta, biex ikun f'idha meta tmur ghand il-ginekolgu.

4. Il-parir ta' Mr. Vella kien li ssir *laparoscopy* taht l-oppju. Din il-procedura saret u fid-29 ta' Settembru 2009 harget l-ewwel *invoice* u wara *reminder*. Il-hlas ma sarx. Ix-xhud ma jafx ghaliex.

5. **Mr. Naged Megally,** ezentat mis-segriet professjonali, qal li hu tabib u ginekologu u jispecjalizza fl-*ultrasound* u 4D *scan*. Semma x'sab meta ezamina lill-konvenuta u, bil-kunsens tal-attrici ghadda kollox lill-ginekologu Mr. Alberto Vella (ara xhieda *a fol* 39/40). Spjegalha li Mr. Vella jkun tas-Sliema (Capua) u l-procedura ssir minn hemm u hi accettat. Lill-konvenuta raha diversi drabi. Milli qaltlu l-konvenuta hu fehem li din kienet lesta thallas *cash* imma la kellha l-*Insurance* l-istess sptar issuggerew li jikkomunikaw mal-*Insurance* izda meta din irrifjutat li tkopri l-intervent allura l-isptar dar fuq il-konvenuta.
6. Ix-xhud qal li l-konvenuta semmitlu sptar tal-gvern imma quddiem din l-ghazla qaltlu li darba li kellha l-*Insurance*, tmur St. James.

7. **Mr. Alberto Vella**, qal li hu consultant *obstetrician and gynecologist* f'MATER DEI. Fid-19 ta' Settembru Dr. Megally kien baghtlu *urgent case Jade Bonnici*. Hawn issir riferenza ghax-xhieda dettaljata li tinsab *a fol* 41/42, minhabba d-dettalji medici. Jigi izda notat li x-xhud qal li hu spjega lill-pazjenta li l-intervent seta jsir l-isptar tal-gvern imma hi xtaqet tmur St. James darba li kellha *Insurance*. Ix-xhud spjega wkoll li billi l-kondizzjoni ma kienetx akuta hu kien taha l-*mobile no* tieghu f'kaz li jinqalalha xihaga. Spjegalha x'kien irid isir jekk tirrizulta *ectopic pregnancy* u x'kien isir jekk le u fil-fatt irrizultalu li le. Hi kienet iffirmat *consent form.*

8. In kontro-ezami cahad li jekk mara tkun tqila jista jkun ta' periklu ghaliha li wiehed jaghtiha l-*anesthetic* u jopera. Spjega illi kieku hu m'ghamilx dak li fil fatt ghamel, jigifieri *laparascopy* u kien fil-fatt kellha *ectopic pregnancy* "kienet tkun negligenza kbira da parti tieghi".

9. Dak in-nhar li xehdu z-zewg tobba, l-Av. Dr. Phyllis Aquilina esibiet, ghan-nom tal-isptar, bhala Dok SJC l-IN-

PATIENT FILE Hos. No 8573, ID339084M rigwardanti l-konvenuta.

10. Wara differimenti ghall-provi tal-konvenuta fit-2 ta' April 2012 intalab zmien ulterjuri ghall-affidavit tal-konvenuta, kontro-ezami tax-xhieda attrici kif ukoll biex tressaq xhieda *viva voce*. Allura l-kawza baqghet differita ghat-23 ta' Mejju 2012 fin-12:30pm. Dan l-affidavit gie prezentat f'din l-udjenza u l-kawza giet differita ghat-12 ta' Lulju 2012.

11. Fl-udjenza tat-12 ta' Lulju 2012 dehret biss Dr. P Aquilina ghas-socjeta' attrici u qalet li d-difensur tal-konvenuta kien qalilha li l-konvenuta ma kienetx ikkommunikat mieghu. Dr. Aquilina talbet li jigi akkordat lill-konvenuta l-ahhar differiment. IT-TRIBUNAL accettat dan u ddifferixxa l-kaz ghas-26 ta' Novembru 2012 **b'intendiment car li dakinhar il-provi tal-konvenuta jigu dikjarati maghluqa u l-kawza tibqa differita ghat-trattazzjoni.**

12. Fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2012 id-difensur tal-konvenuta (li ma kienetx prezenti, bhalma ma kienetx prezenti ghall-udjenzi ta' qabel) baghat jgharraf li kien imsiefer u talab differiment, li nghata u l-kawza thalliet ghas-17 ta' Jannar 2013. Ghal din is-seduta deher id-difensur tal-konvenuta u "Dr. Joseph Arrigo jintrabat li jinforma lill-klijenta tieghu li hemm bzonn il-prezenza taghha fis-seduta li jmiss" … dik tal-21 ta' Marzu 2013.

13. Ghas-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 la dehret il-konvenuta u anqas deher id-difensur taghha. **Il-Qorti ordnat l-isfilz tal-affidavit tal-konvenuta** u halliet il-kawza ghat-trattazzjoni ghall-udjenza tad-9 t'April 2013.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL ihoss li ghandu qabel xejn jinnota dan li gej:

a) Ghalkemm l-AVVIZ gie mressaq il-Qorti fis-17 ta' Mejju 2010, is-socjeta' attrici kellha tithabat biex tinnotifika lill-konvenuta bl-avviz u tirrikorri ghall-procedura tal-affissjonijiet u xandir f'gurnal sakemm fl-ahhar dehret il-konvenuta fl-udejnza tat-2 ta' Frar 2011 u tat ruhha b'notikata u tressqet RISPOSTA.

b) Il-provi nstemghu mit-TRIBUNAL kif prezentement presedut u hu dejjem ta' vantagg li decident jisma hu l-provi kollha *viva voce*.

c) Waqt li s-socjeta' attrici ressqet il-provi b'solerzja, mhux hekk jista jinghad dwar il-konvenuta. Din, wara ghadd ta' differimenti kulma ressqet hu affidavit. Dan gie eventwalment sfilzat mit-TRIBUNAL stante l-assenza ta' l-konvenuta biex tigi kontro-ezaminata fuqu. L-istess konvenuta ma ressqet ebda xhud minkejja lista li pprovdiet mar-RISPOSTA u minkejja differimenti ghall-produzzjoni tax-xhieda taghha (ara l-ahhar parti tat-TAQSIMA precedenti)

2. It-TRIBUBAL ghalhekk ghandu quddiemu x-xhieda tas-socjeta' attrici biss, izda xorta t-TRIBUNAL irid jissoddisfa li hu pprovat dak imsemmi fl-AVVIZ.

3. Ta min jinnota li l-konvenuta ma cahditx li s-socjeta' attrici tatha s-servizz imsemmi fl-AVVIZ. Li qed issostni hu li l-intervent in kwistjoni sar bla htiega ghax kien rizultat ta' dijanjosi zbaljata u *se mai* l-ispiza ghandha taghmel tajjeb ghaliha l-Middlesea Insurance plc minhabba polza ta' assikurazzjoni favur il-konvenuta.

4. Dwar il-polza ta' assikurazzjoni, jigi ossservat li l-Middlesea mhiex parti fil-kawza. Il-konvenuta ma sejjhitilhiex fil-kawza. Ghalhekk m'hemm ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u l-Middlesea. Dan bla pregudizzju ghal kull dritt li l-konvenuta jista jkollha versu l-Middlesea, *si et quatenus*.

5. Lit-TRIBUNAL jirrizultalu li l-isecjalisti Megally u Alberto Vella kienu jafu bil-Middlesea u dana bilfos ghax semmietilhom il-konvenuta. Huma rrinfaccjawha bl-ghazla bejn MATER DEI u ST. JAMES u hi ghazlet St. James, ovvjament ghax kellha mohha mistrieh bl-*insurance cover*. Imma dan ma ghandu x'jaqsam xejn fir-

rigward tad-drittijiet tas-socjeta' attrici vis-à-vis il-pazjenta li pprezentat ruhha St. James, i.e. il-konvenuta.

6. Fir-rigward tas-servizz moghti miz-zewg specjalisti, mill-provi prodotti ma jirrizultax li saret xihaga mhux *secundum artem*. Kollox sar fl-interess tal-pazjenta u bla ma ttiehdu xi sogri u bil-kunsens infurmat taghha. **Ma ngiebet ebda provi kuntrarja ghal dan** u m'hemmx raguni ghala t-talba attrici m'ghandhiex tigi milqugha.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL, wara li qies il-provi migjuba u wara li qies it-trattazzjoni jiddeciedi billi 1) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenuta; 2) **jaccetta** t-talba atrici u **jikkundanna** lill-konvenuta biex thallas lis-socjeta' attrici l-*quantum* ta' elf, erba' mija, tmienja u erbghin Ewro (€1,448.00c) 3) **jikkundanna** lill-konvenuta biex thallas l-imghax, fuq il-*quantum* imsemmi, mit-2 ta' Frar 2011 (meta l-konvenuta tat ruhha b'notifikata bl-AVVIZ) sal-jum tal-pagament effettiv u 4) **jikkundanna** lill-konvenuta biex thallas l-ispejjes tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------